# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 255/2015**

Il-Pulizija

vs

**Edith Cutajar**

detentrici tal-karta tal-identita' numru 29689(M)

Illum 24 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta Edith Cutajar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-10 ta' Jannar 2015 fil-11:00PM bil-vettura ZIZ111 gewwa Triq L-Isqof Scicluna, Qormi;-

1) Giegħelt, ħalliet jew ippermettiet li il-vettura bil-mutur jew vettura oħra tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenzja meħtieġa biex issuq il-vettura bil-mutur jew vettura oħra;

2) Użat, ġiegħelt jew ħalliet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti sabet lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u kkundannatha multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400.00), liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Mejju, 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzarju ieħor.

Il-Qorti ma pprojbietiex milli tapplika għall-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellanti Edith Cutajar minnha ppreżentat fit-22 ta' Mejju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, din qatt ma setgħet issib ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha. Illi l-unika prova prodotta mill-prosekuzzjoni kienet biss l-affidavit ta' PS772. Apparti l-fatt li l-affidavit ma jindikax kif l-istess PS772 ġab l-informazzjoni rigward ir-reġistrazzjoni tal-vettura imsemmja, ċertament dan l-affidavit ma hux l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi. L-aħjar prova li kellha tinġieb kienet ta' Transport Malta li l-ebda rappreżentant tagħha ma xehed f'dawn il-proċeduri. Ergo l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib lill-imputata ħatja fuq din l-ewwel imputazzjoni.

2. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda it-tieni imputazzjoni li ġiet miġjuba kontriha. Għalkemm l-esponenti ma ippreżentatx kopja taċ-ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti stante illi dan ma kienx fil-pussess tagħha sal-ġurnata tas-seduta, hija qiegħda tippreżenta l-forma tal-polza tal-assigurazzjoni. Fil-perjodu inkriminanti u cioe' fl-10 ta' Jannar 2015 il-vettura kienet assikuarta validament. It-tieni imputazzjoni m'għandiex tissussisti stante

illi fuq skorta ta' ġurisprudenza ara fost l-oħrajn **Il-Pulizija –vs- Angelo Scuderi**[1] u **Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Cutajar) –vs- Mirko Giannetti**[2] jekk il-vettura jkollha polza ta' assigurazzjoni valida, ir-riskju ta' terzi jkunu koperti salv dejjem għad-dritt tal-assigurazzjoni li tieħhu azzjoni kontra s-sewwieq tal-imsemmija vettura għar-rifuzjoni tal-flus li tkun ħallset l-istess assigurazzjoni, għalhekk l-esponenti ma setgħetx tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni u dan proprju għaliex kif għandu jirriżulta ampjament ir-riskju tat-terz kien kopert.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Fl-**ewwel akkuża** l-appellanta ġiet akkużata li ppermettiet li l-vettura tagħha tinstaq minn persuna li ma kellhiex liċenzja. Din l-akkuża ġiet pruvata stante li l-appellanta hija s-sieħba ta' min kien qed isuq u huwa diffiċli li ma kinitx taf li ma kellux liċenzja. Inoltre, l-istess ammetta mal-Pulizija li kien sabu jsuq il-karozza, li huwa ma għandux liċenzja għax 'l-eżami huwa diffiċli wisq'.

Fit-**tieni akkuża** hija ġiet akkużata li ħalliet persuna oħra tuża l-vettura tagħha mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi għalkemm l-appellanta provdiet kopja taċ-ċertifikat tal-polza ta'assigurazzjoni fl-istadju tal-appell ma jfissirx li lil min ħalliet isuq il-karozza tagħha kien kopert bl-assigurazzjoni tagħha. Biex persuna tkun koperta b'assigurazzjoni jrid ikollha liċenzja wkoll.

---

[1] Qorti tal-Appelli Kriminali nru 190/2005 per Imhallef Dr Joseph Galea Debono, Dec: 3 ta' Novembru 2005.

[2] Qorti tal-Appelli Kriminali nru 337/2012, Per Imhallef Dr Antonio Mizzi, Deciza 22 ta' Jannar 2014.

Dan huwa piutost diffiċli li jkun effetivament kopert stante li hu stess ammetta li ma kellux liċenzja mal-PS 772 Dennis Agius u quddiem din l-Qorti fix-xhieda tiegħu stess. Għaldaqstant, l-assigurazzjoni tagħha ma setgħet qatt tkopri persuna bla liċenzja.

Il-fatt illi s-sid tal-karozza huwa kopert b'polza t'assigurazzjoni qatt ma jista' jwassal għall-konklużjoni li sid il-karozza jista' jippermetti lil xi persuna bla liċenżja li ssuq il-karozza. Min hu bla liċenzja ma għandux assikurazzjoni u min hu sid il-karozza li huwa kopert b'assikurazzjoni. QATT ma tista' din l-assikurazzjoni tkopri lil xi ħadd li ma għandux liċenżja. Inkella wieħed ikun qed jippermetti l-ksur tal-liġi billi jħalli lil ħaddieħor bla liċenżja jsuq il-karozza. Żgur li tali konklużjoni l-liġi kriminali ma tippermettihiex għax il-liġi kriminali ma trid lil ħadd jsuq bla liċenzja wkoll jekk sid il-karozza huwa hekk kopert.

L-assigurazzjoni tista' tkopri biss sewwieqa oħra li għandhom liċenzja u mhux dawk li ma għandhomx. Il-liġi ma tistax tinftiehem mod ieħor inkella inkunu qed naslu għall-konklużjoni assurda li l-assikurazzjoni tkun qed tkopri persuni jsuqu meta dawn ma għandhomx liċenzja. Asserzjoni bħal din tkun kontra l-iskop tal-liġi.

Fil-każ Pulizija vs Andre' Apap mogħija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Frar, 2011 (Appell Numru 400/2010) il-Qorti qalet is-segwenti:

*'Għar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra rriskji ta' terzi persuni, l-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat għat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi , Il-Pulizija vs Stefan Apap , u l-Pulizija vs Charles Galea u oħrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: l-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħallilek għal ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi ħtieġa li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iż-żewġ dispozizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal*

*reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u cioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-seħħ skond kif meħtieġ fl-artikolu 3(1) imsemmi.'*

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-appell ta' Edith Cutajar u tikkonferma s-sentenza appellata.